MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Numru. 886/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Doriann (Maria Dolores Anna) Bezzina ta’ 38 sena, bint Alfred u Maria nee` Xuereb, imwielda Pieta` fl-24 ta’ Settembru 1973, residenti f’185, Panorama, Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija, Mqabba u detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 464973M**

**Emanuel sive Noel Darmanin ta’ 46 sena, bin Carmel u Mary nee` Farrugia, imwieled Tarxien fit-2 ta’ Jannar 1966, residenti f’18, Saghtar, Triq Manuel Buhagiar, Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 47566(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar, 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita taghhom ta' ufficjala jew impjegati pubblici, fl-ezercizzju tad-dmirijiet taghhom ghamlu falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi dahhlu isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmatijew maghluqa;
Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil l-iskrittura jew fil-firem billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew infurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-

imputati, il-fedina penali nadifa taghhom, ix-xhieda tal-Professur Robert Xuereb u ta' Anthony Carbonaro. Dawn iz-zewg xhieda spjegaw ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u fejn jirrizulta illi l-imputati huma zewg ufficjali ezemplari li jaraw l-interess tal-pazjenti taghhom qabel l-intressi taghhom stess u dejjem ghamlu xgholhom b'kuxjenza kbira. Fil-fatt jirrizulta illi dak li ghamlu sar fl-ahjar interess tal-pazjenti taghhom u kwindi ghall-ahjar kura taghhom u mhux ghal xi interess personali u kwindi l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi meta tigi biex tinfliggi l-piena.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 179, 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet ikkoncernati, b'mod specjali lil Public Service Commission sabiex dawn it-tnejn minn nies ma jitilfux l-impjieg taghhom u ma jittihdux passi dixxiplianrji kontra taghhom billi dan ikun ta' detriment ghall-pazjenti taghhom.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk humaa jikkommettu reat iehor matul il-perjodu liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------